MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Numru 396/2005

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Andrew Kelly, iben Ronald,
imwieled Attard fit-3 ta' lulju,
1975

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-1 ta' mejju, 2005 ġewwa Triq Wilġa, Paceville, San Ġiljan għal ħabta tat-3.30 a.m. –
1. waqt li kien ġewwa l-istabiliment magħruf bl-isem 'Sabor', volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor għad-dannu ta' Nicholas Laferla mis-Swieqi liema ħsara teċċedi aktar minn Lm50;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni uil-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi għad illi kien xurban qal fil-pubbliku xi kliem oxxen u indeċenti liema kliem oxxen jew indeċenti kien jikkonsisti wkoll fi kliem jew espressjonijiet ta' dagħa;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb għall-persuni ta' Vesic Dragoslav minn tas-Sliema, Clint Bonavia mill-Ħamrun u Nicholas Laferla mis-Swieqi sabiex jinġurjhom jew idejjaqhom jew jagħmilhom ħsara;
5. talli bħal uffiċjal jew impjegat pubbliku u cioe' membru tal-korp tal-pulizija naqas li jissorvelja biex ma jsirx jew jimpedixxi milli jsir reat minħabba l-kariga tiegħu kif għandu dmir li jagħmel;
6. talli ma obdiex l-ordnijiet tal-pulizija meta hekk miktub;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta tal-persuni hawn fuq imsemmija kif jidhrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' mejju, 2005 fejn il-'parte civile' irrinunzjaw għall-azzjoni kriminali.

Illi mill-provi jirrizulta li l-imputat ma kienx responsabbli għal ħsara li saret. Tant hu hekk li persuna oħra nvoluta f'dan l-inċident ħallset id-danni kollha.

Illi ma hemm ebda prova li minnha tirrizulta li l-imputat hu ħati ta' xi waħda mill-akkużi mressqa kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------